MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1916/2003

**Alexander u Ruth konjugi Caruana**

**Vs**

**Robert Azzopardi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disa' mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm975) rapprezentanti rifuzjoni ta' ammont akbar li huma hallsu lill-konvenut ta' hadid liema xoghol ta' hadid ma giet ikkompletat.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u minghajr pregudizzju x-xoghol kien ilu lest u li s-sitwazzjoni odjerna hi tort unikament ta' l-atturi.

Sema' x-xhieda ta' Alexander u Ruth Caruana.
Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Ra illi permezz ta’ Nota l-atturi cedew il-mertu tal-kawza fis-17 ta’ Frar, 2005 izda zammew ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-atturi kienu ordnaw minghand il-konvenut diversi *railings* ghall-proprjeta’ taghhom il-Birguma, limiti tan-Naxxar, u li ta’ dan ix-xoghol huma hallsuh *deposit* ta’ elf u disa’ mitt lira Maltin (Lm1,900) izda mill-ghaxar *railings* li kellu jaghmel, il-konvenut kien ikkonsenja tlieta biss.

Jirrizulta illi fil-kors ta’ dawn il-proceduri l-konvenut baqa’ jaghmel ix-xoghlijiet u effettivament jidher illi x-xoghlijiet tlestew fil-mori tal-proceduri.

Ghalhekk huwa evidenti illi l-konvenut kien inadempjenti fil-mument li gie notifikat bl-Avviz tat-talba odjerna, u konsegwentement ghandu jbati l-konsegwenzi relattivi u jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------